MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 43/2008

**Lino Debono**

**vs**

**David Tanti**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur tal-inkwilin:

Illi b'ittra ufficjali datata 26 ta' Mejju 2008 hawn annessa u mmarkata bhala Dok LD 1 li giet notifikata lir-rikorrenti. L-intimat interpella lir-rikorrent sabiex jibda jhallas kera awmentat tal-fond numru 57 Triq Lord Byron Hamrun fis-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (E233) ekwivalenti ghal mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena minflok dik prezenti ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (E116.47) ekwivalenti ghal hamsin lira Maltin (Lm50);

Illi l-kera attwali tal-fond fuq indikat ta’ mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (E116.47) ekwivalenti ghal hamsin lira Maltin (Lm50) hija wahda gusta u ragonevoli tenut kont illi dan huwa fond ta’ daqs zghir, u l-lokalita’ li jinsab u t-triq fejn qieghed hija wahda sekondarja u purament residenzjali u lanqas ma jidher li tista’ tigi awmentata skond il-provvedimenti relattivi tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta li jirregolaw l-awment tal-kera ta’ fondi kolpiti bl-istess Att;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dan il-Bord joghgbu jiddikjara li l-kera attwali ta’ mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu  ekwivalenti ghal hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena tal-fond numru 57 Triq Lord Byron Hamrun hi wahda gusta u l-interpellazzjoni tal-intimat kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 26 ta’ Mejju 2008 ghall-awment fil-kera tal-fond numru 57 Triq Lord Byron Hamrun ghal ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (E233) ekwivalenti ghal mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena tigi michuda bl-ispejjes;

Ra r-risposta tal-intimat sid :

Illi t-albiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess rikorrenti u dan stante li l-awment mitlub mill-esponenti huwa gustifikat u sar skond il-ligi;

Illi l-fond de quo ghadda lill-esponenti b’wirt, u sa fejn jaf l-esponenti ili mikri lir-rikorrenti ghal zmien twil u l-kera qatt ma kienet gholliet, b’dan illi certament il-kera li kienet tithallas certament ma tirriflettiex l-awment mitlub ka ma hu esegarat u lanqas ma hi ta’ piz zejjed fuq l-inkwilin

Salv eccezzjonijiet ohra;

Semgha lill-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza intavolta mill-inkwilin biex topponi talba ghall-awment fil-kera maghmula mis-sid permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju, 2008 skond id-dispost tal-artikolu 14(2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghal dan il-ghan l-Bord kien assistit miz-zewg membri teknici tieghu li wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha u zammew access fil-fond *de quo* irrelataw illi l-kera gust ghandu jkun iffissat fil-valur ta' Euro 233 fis-sena u dan skond ir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza;

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kera tal-fond fl-ammont ta' Euro 233 skond l-ittra ufficjali tal-intimat tas-26 ta' Mejju, 2008 u dan b'effett mill-iskadenza li kien imiss kif kolpit bl-ittra ufficjali appena riferita.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------